

32006R1539

L 283/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.10.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1539/2006**tat-13 ta' Ottubru 2006**

li jadotta pjan għall-allokazzjoni ta' riżorsi lill-Istati Membri li għandhom jitħallsu mis-sena tal-baġit tal-2007 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju ta' dawk l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 tal-10 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-provvista tal-ikel minn stokkijiet tal-intervent lil organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro², b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/92 tad-29 ta' Ottubru 1992 li jippreskrivi regoli dettaljati għar-riforniment ta' ikel mill-ħażna ta' intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità, il-Kummissjoni għandha tadotta pjan ta' tqassim li jkun ifffinanzjat minn riżorsi disponibbli fis-sena tal-baġit tal-2007. Dan il-pjan għandu jstipula b'mod partikolari, għal kull Stat Membru li japplika l-miżura, ir-riżorsi finanzjarji massimi disponibbli biex titwettag il-parti tiegħu tal-pjan, u l-kwantità ta' kull tip ta' prodott li se jitneħħa mill-ħażniet miżmuma mill-aġenziji tal-intervent.
- (2) L-Istati Membri involuti fil-pjan tal-2007 baġtu diġà l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.
- (3) Għall-finijiet tal-allokazzjoni tar-riżorsi, trid titqies l-esperjenza u l-grad tal-użu mill-Istati Membri tar-riżorsi allokatilhom fis-snin ta' qabel.

¹ ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2535/95 (ĠU L 260, 31.10.1995, p. 3).

² ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.

- (4) L-Artikolu 2(3)(1)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jipprovdi għall-għoti ta' għajjnuna għal xiri mis-suq ta' prodotti li temporanjament ma jkunux disponibbli fil-ħażniet tal-intervent. Minħabba li l-ħażniet ta' trab tal-ħalib xkumat u ross attwalment miżmuma minn aġenziji tal-intervent huma baxxi ħafna u diġà saru arranġamenti biex jinbiegħu fis-suq u biex jitqassmu fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92, u billi mhu mistenni ebda xiri ta' dawn il-prodotti fl-2006, jeħtieġ li l-għajjnuna tiġi ffigurata sabiex tippermetti li jinxtraw mis-suq it-trab tal-ħalib xkumat u r-ross meħtieġa għall-pjan tal-2007. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiddaħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiżguraw li l-kuntratt tal-provvista jitmexxa tajjeb.
- (5) Biex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti Stati Membri, għandha tkun awtorizzata t-tneħħija ta' ċereali bħala ħlas għal ross u prodotti bbażati fuq ir-ross, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.
- (6) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jipprovdi għat-trasferiment bejn Stati Membri ta' prodotti mhux disponibbli fil-ħażniet tal-intervent tal-Istat Membru, meta dawn il-prodotti huma meħtieġa fl-implimentazzjoni ta' pjan annwali. Għalhekk it-trasferimenti fil-Komunità meħtieġa biex jitwettaq il-pjan tal-2007 għandhom jiġu awtorizzati soġġett għall-kundizzjonijiet provduti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.
- (7) Għall-implimentazzjoni tal-pjan, l-avveniment operattiv fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandu jkun id-data li fiha tibda s-sena finanzjarja għall-amministrazzjoni tal-ħażniet fil-ħażna pubblika.
- (8) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 il-Kummissjoni kkonsultat l-organizzazzjonijiet prinċipali midħla tal-problemi ta' dawk l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità, meta fasslet il-pjan.
- (9) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitati ta' ġestjoni rilevanti kollha,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-2007, it-tqassim ta' oġġetti tal-ikel għal benefiċċju tal-persuni l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità skont ir-Regolament (KEE) Nru 3730/87 għandu jsir kif stipulat fil-pjan għat-tqassim fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. L-għoti ta' għajjnuniet lill-Istati Membri għax-xiri mis-suq ta' trab tal-ħalib xkumat u ross meħtieġa għall-pjan msemmi fl-Artikolu 1 huma stipulati fl-Anness II.

2. L-għotja lil min jieħu l-offerta tal-kuntratt għall-provvista tat-trab tal-ħalib xkumat u r-ross msemmija fil-paragrafu 1 hija soġġetta għall-forniment mill-kuntrattur ta' garanzija ekwivalenti għall-prezz tal-offerta, magħmula f'isem l-aġenzija tal-intervent.

Artikolu 3

It-trasferiment fil-Komunità ta' prodotti elenkati fl-Anness III għal dan ir-Regolament huma hawnhekk awtorizzati soġġett għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.

Artikolu 4

Sabiex il-pjan imsemmi fl-Artikolu 1 għal dan ir-Regolament jiġi implimentat, id-data tal-avveniment operattiv msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandha tkun l-1 ta' Ottubru 2006.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNEX I**PJAN ANNWALI GĦAT-TQASSIM GĦALL-2007**

(a) Riżorsi finanzjarji disponibbli għall-implimentazzjoni tal-pjan f'kull Stat Membru:

(f'EUR)	
Stat Membru	Allokazzjoni
Il-Belġju	5817428
Ir-Repubblika Ċeka	144453
L-Estonja	324813
Il-Greċja	6267329
Spanja	54836559
Franza	48890266
L-Irlanda	217997
L-Italja	70764888
Il-Latvja	348962
Il-Litwanja	3273261
Lussemburgu	80707
L-Ungerija	7476638
Malta	384792
Il-Polonja	41343047
Il-Portugall	14086552
Is-Slovenja	1272606
Il-Finlandja	3383074
Total	258913372

(b) Il-kwantità ta' kull prodott li trid titneħħa mill-ħażniet tal-intervent tal-Komunità għat-tqassim f'kull Stat Membru soġġett għall-ammonti massimi stipulat f'(a):

(tunnellati)				
Stat Membru	Ċereali	Ross (ross fil-fosdqa)	Butir	Zokkor
Il-Belġju	12000			2000
Ir-Repubblika Ċeka	270		26	50
L-Estonja	3000			
Il-Greċja	11760	3900		
Spanja	110000		13650	6443
Franza	82641	23641	6500	3338
L-Irlanda			80	
L-Italja	122465	20000	3570	6847
Il-Latvja	3280			
Il-Litwanja	12000			2760
L-Ungerija	52000			900
Malta	1550			
Il-Polonja	120230		2400	8298
Il-Portugall	20000	14000	3300	1435
Is-Slovenja	2610			653
Il-Finlandja	16500		500	500
Total	570306	61541	30026	33224

(c) Il-kwantitajiet ta' ċereali awtorizzati għat-tneħħija mill-ħażniet tal-intervent biex titħallas il-provvista ta' ross jew prodotti bbażati fuq ir-ross mobilizzati fis-suq, soġġett għall-ammonti massimi stipulati f'(a):

Stat Membru	Tunnellati
-------------	------------

Il-Belġju	4146
Franza	25590
Il-Litwanja	5000
Total	34736

ANNEX II

(a) Għoti ta' għajjniet lill-Istati Membri għal xiri ta' trab tal-ħalib xkumat fis-suq tal-Komunità soġġett għall-ammonti massimi stipulati fl-Anness I(a):

Stat Membru	EUR
Il-Belġju	2893618
Ir-Repubblika Ċeka	17469
L-Estonja	5190
Il-Greċja	4192560
Franza	13494861
L-Italja	39261578
Lussemburgu	76864
L-Ungerija	1397520
Malta	118789
Il-Polonja	16770240
Is-Slovenja	527564
Total	78756283

(b) Għoti ta' għajjniet lill-Istati Membri għal xiri ta' ross fis-suq tal-Komunità soġġett għall-ammonti massimi stipulati fl-Anness I(a):

Stat Membru	EUR
L-Estonja	300
Spanja	2400000
Malta	90750
Is-Slovenja	90000
Total	2581050

ANNEX III

Trasferimenti fil-Komunità awtorizzati skont il-pjan għall-2007			
Prodott	Kwantità (tunnellati)	Detentur	Destinatarju
1. Qamħ komuni	2207	MMM, Suomi/Finland	Põllumajanduse Registrate ja Informatsiooni Amet, Eesti
2. Qamħ komuni	11760	BLE, Deutschland	OPEKEPE, Elláda
3. Qamħ komuni	110000	ONIGC, France	FEGA, España
4. Qamħ komuni	103429	BLE, Deutschland	AGEA, Italia
5. Qamħ komuni	19036	AMA, Österreich	AGEA, Italia
6. Qamħ komuni	5637	MMM, Suomi/Finland	Agricultural and Food Products Market Regulation Agency, Lietuva
7. Qamħ komuni	1550	ONIGC, France	National Research and Development Centre, Malta
8. Qamħ komuni	20000	ONIGC, France	INGA, Portugal
9. Qamħ komuni u ċereali oħra	2610	MVH, Magyarország	AAMRD, Slovenija
10. Ross	23641	OPEKEPE, Elláda	ONIGC, France
11. Ross	20000	OPEKEPE, Elláda	Ente Risi, Italia
12. Ross	14000	OPEKEPE, Elláda	INGA, Portugal
13. Butir	3511	Department of Agriculture and Food, Ireland	Office de l'Élevage, France
14. Zokkor	3338	FEGA, España	ONIGC, France
15. Zokkor	2760	ARR, Polska	Agricultural and Food Products Market Regulation Agency, Lietuva
16. Zokkor	1435	FEGA, España	INGA, Portugal
17. Zokkor	500	ARR, Polska	MMM, Suomi/Finland